MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 34/2001/1

**Visual and Sound Communcations Limited**

**vs**

**Il-Kummisarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Il-Qorti,

I. Preliminari

1. Fit-8 ta` Novembru 2001 is-socjeta` Visual and Sound Communication Limited intavolat rikors quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili li bih resqet diversi lanjanzi ta` natura kostituzzjonali kontra l-Kummisarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali. Dan ir-rikors testwalment jghid hekk:

1. “Illi l-Pulizija ghamlet diversi *raids* u elevazzjoni ta` kwantita` ta` *Digital Versatile Discs* maghmula minn diversi outlets tas-socjeta` esponenti partikolarment mill-hwienet f`Tas-Sliema, Manwel Dimech, Valletta, Triq Repubblika, Energy Complex, Bay Street, San Giljan u fil-hanut fl-Ajruport Internazzjonali, fil-Gudja bejn l-1 u t-3 ta` ottubru 2001;
2. Illi f`dawn ir-*raids*, saret l-elevazzjoni ta` madwar elf u hames mitt (1,500) *Digital Versatile Discs* jew DVDs liema DVDs jikkonsistu f`*feature films* u flimkien jiswew madwar ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000);
3. Illi l-punt frontali u centrali ta` l-esponenti huwa illi d-*Digital Versatile Discs* (DVDs) in kwistjoni huma inkontestabilment originali, legittimi, regolarment importanti u li fuqhom thallsu r-*royalties*; ma hemm ebda element ta` piraterija illi fl-ikkupjar illegali u ghall-qligh tal-materjal *copyrighted*, ghaliex dawn huma originali, tant illi l-fini ta` l-investigazzjoni tal-Pulizija mhijiex il-Piraterija tant illi xi DVDs gew restitwiti;
4. Illi dan kollu qed jirreka danni kbar lill-esponenti; l-ewwelnett ghaliex kif inhu maghruf, jekk jinxtara jew jinkera DVD, dan normalment isir darba u x-xiri u kiri la darba jintilef jintilef ghal dejjem; apparti dan, hemm riskju car gahliha li titlef il-klijenti li la darba ma jinqdewx mill-hwienet taghha u jinqdew minn haddiehor – b`hekk klijentela tintilef irrevokabilment; bizzejjed jinghad illi infethet fiera tal-prodotti elettronici fejn ser tiehu sehem is-socjeta` esponenti u fejn is-soltu tbiegh id-DVDs;
5. Illi apparti dan kollu, il-fatt illi gew elevati minghajr gustifikazzjoni fil-Ligi id-DVDs ikkawza danni kummercjali kbar lis-socjeta` illi tul l-operazzjoni kummercjali taghha dejjem ikkumercjat prodott originali, legali, regolarment importat u apparti dan dejjem kienet fl-avangwardia tal-kampanja u azzjoni kontra il-prodott illegitimu jew il-prodotti ta` piraterija; illi dan kollu qed jirreka danni kbar knotra l-esponenti fis-sens illi qed jesponi l-kredibilita` kummercjali fis-suq ghal dubji serji minn dawk il-klijenti u konsumaturi illi tul is-snin dejjem afdaw u emmnu illi l-prodotti kummercjati mis-socjeta` esponenti kienu legittimi;
6. Illi l-Pulizija agixxiet b`mod diskriminatorju fis-sens illi filwaqt illi l-*outlets* kollha ohra f`Malta li jbieghu prodott

DVD legittimu bhal dak li gie maqbud minn ghand l-esponenti qed jithallew joperaw regolarment u l-azzjoni ta` elevazzjoni kif ukoll illi inghalqu l-hwienet bid-danni kollha kummercjali saret biss fil-konfront tal-hwienet tas-socjeta` esponenti;

7. Illi l-esponenti qedha ukoll tinvoka l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikoli 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem kif sancita wkoll fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta, fis-sens illi l-Kummisarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali ghandhom jew iressqu fi zmien ragonevoli lill-socjeta` esponenti jew id-dirigenti taghha u jaghtuhom process fi zmien ragonevoli jew inkella jirrilaxxjaw id-DVDs; ir-ragonevolezza trid tigi ezaminata fil-kuntest ta` sitwazzjoni fejn id-danni qed jikbru kuljum u aktarx illi huma irrekuperabbli fis-sens ilil dawn id-DVDs huma *'fast moving'* bi perijodi ta` domanda qasir u li ittiehed mill-kompetituri;

8. Illi l-operat tal-intimati jivvjola wkoll l-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-ewwel artikolu ta` l-ewwel protokol tal-Kap 319 u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem fis-sens illi l-esponenti qed tigi mfixkla fit-tgawdija tal-possessjonijiet taghha;

9. Illi dan kollu jikkostitwixxi trattament diskriminatorju bi ksur ta` l-Art. 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u ta` l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; it-trattament diskriminatorju jikkonsisti filli l-esponenti qed tigi mfixkla fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet protetti fil-Kostituzzjoni u Konvenzjoni fuq bazi diskriminatorja, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tar-Rikors;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-suespost jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali taghhom kif fuq esposti u l-Artikoli ohra relativi tal-kostituzzjoni ta` Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;

2. taghti dawk id-direttivi rimedji u provvedimenti li jidhrulha xierqa w opportuni”

2. L-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti biex tipprovdi diversi taghrif u din oltemperat ruhha ma’ l-ordni tal-Qorti permezz ta` diversi noti li gew minnha prezentati u li jinsabu a fol 8 sa 11 u 22, u 23 tal-Process.
3. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali opponew it-talba tar-rikorrenti. Huma ressqu zewg eccezjonijiet ta` natura procedurali u taw eccezzjonijiet ohrajn li jolqtu l-meritu tar-rikors promotur. Ir-risposta taghhom, tghid hekk, testwalment:
“Illi l-esponenti jopponu l-akkoljiment tat-talbiet avvanzati fir-rikors in risposta ghas-segwenti ragunijiet illi huma qeghdin jissottomettu minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi huma m’humiex il-legittimi kontradittur gahll-azzjoni ghas-segwenti motivi:
(a) in kwantu ghall-Kummisarju tal-Pulizija stante illi l-elevazzjoni tal-prodotti awdiovizivi in kwistjoni ma saritx fuq decizjoni tieghu jew ta` xi membru tal-korp tal-Pulizija izda saret fuq ordni ta` Magistrat bhala parti minn Inkjesta Magisterjali illi fiha l-Pulizija kienet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati illi tassisti. Illi *di piu`*, stante ili fl-istadju ta` l-Inkjesta ma hemm hadd akkuzat l-esponent m`ghandux l-interess li huwa jkollu fil-vesti ta` prosekutur biex jiddefendi l-validita` ta’ xi decizjoni ta` Qorti li tkun favorevoli ghalih;
(b) in kwantu ghall-Avukat Generali stante illi huwa m`ghandux locus standi biex jiddenfendi kull decizjoni mehuda fil-Qrati izda hija l-ligi stess illi tipprovdi r-rimedji, fejn u sa fejn jezistu, biex min ihossu aggravat b`decizjoni tal-Qorti jimpunja dik id-decizjoni. Illi dan wisq izjed meta l-Artikolu 181B (2) tal-Kap 12 jillimita r-rapprezentanza ta` l-Avukat Generali biss ghall-‘Gvern’ (li huwa l-organu Kostituzzjonali Ezekuttiv) u ma jestendix dik ir-rapprezentanza ghal organi ohra tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk l-Avukat Generali ma jwegibx gahll-operat li ma jkunx tal-Gvern u certament illi wiehed ma jistax jinqeda bir-rapprezentanza da parti ta` l-Avukat Generali tal-

‘Gvern’ biex johloq mezzi godda li ma tipprovdix ghalihom il-ligi sabiex jimpunja decizjonijiet tal-Qrati.

2. Illi l-esponenti jissottomettu illi dina l-onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taht il-Kap 319 stante l-ezistenza ta` mezzi ohra xierqa ta` rimedju li r-rikorrent ghandha ghad-dispozizzjoni taghha u li ma ipprevalietx ruhha minnhom. Illi dawn il-mezzi xierqa ta` rimedju huma r-rikors biex is-socjeta rikkkorenti tigi awtorizzata tirtira l-oggetti taghha li nqabbdu fil-kors ta`l-Inkjesta Magisterjali u c-citazzjoni sabiex jigi impunjat kull degriet tal-Qorti tal-Magistrati illi s-socjeta rikorrenti thoss illi m`ghandux fondament guridiku. Illi *di piu`* jekk is-socjeta rikorrenti thoss ili l-esponenti bhala awtoritajiet pubblici hadu xi decizjoni fil-konfront taghha li m`ghandhiex fondament guridiku hija tista` ukoll tipprevalixxi ruhha mill-mezz ta` rimedju provdut bl-Artiklu 469A tal-Kap 12 dwar stharrig gudizzjarju ta` azzjonijiet amministrattivi.
3. Illi s-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda lezjoni tad-dritt fondamentali gaht-tgawdija tal-proprjeta (Art 37 Kost. U Art 1 ta` l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja) billi l-mizura ta` elevazzjoni ta` oggetti ghll-iskopijiet ta` Inkjesta dwar possibbli ksur ta` ligijiet penali ma tikkostitwix mizura ta` tehid ta` proprjeta izda hija mizura ta` kotroll ta`uzu ta` proprjeta fl-interess generali illi ma tivvjolax l-istess artikoli.
4. Illi l-Artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma huma bl-ebda mod konnessi mal-kaz stante illi s-socjeta rikorrenti bhala enti guridika ma tistax tkun arrestata jew detenuta.
5. Illi l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ukoll ma jaghmlux ghall-kaz billi s-socjeta attrici bhala enti guridika ma tistax skond il-ligi Maltija tirrispondi ghal akkuza kriminali u ghalhekk wisq inqas ma tista` issofri minn lezjoni ta` drittijiet fondamentali fid-determinazzjoni ta` akkuza penali kontra taghha. Illi kwantu ghall-aspetti tal-Artikoli 39 (Kost) u 6 (Konv) illi jolqtu l-azzjoni civili u d-determinazzjoni ta` drittijiet civili ghandu jinghad illi d-determinazzjoni tad-drittijiet civili hija haga li taqa` barra l-iskop tal-procedura tal-Inkjesta Magisterjali u li ghalhekk certament illi ma jistax jinghad illi

l-inkjesta Magisterjali qeghda b`xi mod tinnega d-dritt ghas-smiegh xieraq dwar drittijiet civili.

6. Illi l-Artikoli 38 tal-Kostituzzjoni u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ukoll ma jaghmlux gahll-kaz in kwantu ghall-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni stante ili d-dhul fil-proprjeta tas-socjeta rikorrenti sar in ezekuzzjoni ta` ordni ta` Qorti mahrug skond il-ligi liema ligi hija necessarja f`socjeta demokratika u kwantu gahll-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja stante li s-socjeta rikorrenti ma sofriet ebda ksur tad-dritt ghar-rispett tal-'hajja privata' u 'tal-familja', 'tad-dar' u tal-'korrispondenza' kif protetti b`dak l-artikolu bl-elevazzjoni tal-oggetti in kwistjoni in ezekuzzjoni ta` l-inkjesta Magisterjali.

7. Illi kwantu ghall-allegat ksur ta` l-Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu l-ewwelnett jigi rilevat ilil d-dritt ghall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma jistax jigi invokat biex jiggustifika agir illegali u ghalhekk ma jistax jigi invokat abbazi ta` pretensjoni li haddiehor ukoll kiser il-ligi. Illi in oltre, s-socjeta rikorrenti ma spjegatx adegwatament kif qeghda tallega illi sofriet trattament diskriminatorju.

4. Fl-20 ta` Novembru 2001 l-Ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimati, izda laqghet it-tieni eccezzjoni taghhom, wara li kkunsidrat hekk:

"Rat il-provvediment kamerali tat-8 ta` Novembru 2001 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat lis-socjeta rikkorenti sabiex tispecifika u tindika diversi affarijiet permezz ta` noti li kellhom jigu notifikati lill-kontroparti;

Rat dawn in-noti presentati fit-13 ta` Novembru, 2001; rat lil-provvediment ulterjuri u kamerali taghha tal-14 ta` Novembru 2001; rat ir-risposta ta` l-intimati tas-16 ta` Novembru, 2001 u n-nota ulterjuri tar-rikorrenti, ukoll tas-16 ta` Novembru, 2001; semghet lid-difensuri tal-partijiet, kif ukoll semghet bil-gurament lill-Ispettur Mario Tonna, fl-udjenza tas-16 ta` Novembru, 2001; rat ukoll in-nota, presentata seduta stante, tas-socjeta` rikorrenti bid-diversi dokumenti (GB1 sa GB10) annessi maghha; ikkunsidrat:

1. Dan huwa provvediment limitat ghaz-zewg punti preliminari sollevati mill-intimati, u cioe` (1) li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi f`dina l-kawza, u (2) illi din il-Qorti ghandha tiddeklina milil tezercita s-setghat taghha kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Kap. 319 peress li s-socjeta` rikorrenti ghandha mezzi ohra xierqa ta` rimedju gahl-lanjanzi taghha.

2. Dwar l-ewwel punt, l-abbili difensur ta`l-intimati, l-Assistant Avukat Generali Dott. Peter Grech, fisser lil din il-Qorti illi l-elevazzjoni tad-DVD`s in kwistjoni u dak kollu li sar mill-pulizija f`dan il-kaz sar mhux b`decizjoni jew fuq inizjattiva ta` l-istess pulizija izda <u>fuq ordni ta` awtorita` gudizzjarja</u>, u cioe` fuq ordni ta` Magistrat fil-kors ta` inkjesta dwar l-*in genere* (ir-risposta bil-miktub ta`l-intimati hija wkoll f`dana s-sens). L-intimat Kummissarju tal-Pulizija, ghalhekk, jikkontendi li huwa ma ghandu ebda interess f`din il-kawza, aktar u aktar meta ghadha ma inbdiet ebda prosekuzzjoni (immexxija minnu), u li kull ma ghamel sa issa huwa li obda l-ordnijiet legittimi ta` awtorita` gudizzjarja kif hu obbligat li jaghmel. Minn naha tieghu, l-intimat Avukat Generali jikkontendi li huwa ma jirrapresentax, fis-sens li ma ghandux ir-rappresentanza gudizzjarja, tal-Qorti (tal-Magistrati), jew ahjar tal-Magistrati), jew ahjar tal-Magistrat fil-vesti tieghu ta` investigatur fil-kors ta` inkjesta dwar l-*in genere*; skond dan l-intimat, is-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 181B tal-Kap, 12 ivestih b`raprresentanza gudizzjarja biss biex jirrapresenta l-organu Ezekuttiv tal-Gvern.

3. Issa, appartili din il-Qorti ma taqbilx ma` l-intimat Avukat Generali fl-interpretazzjoni tieghu ta` l-artikolu 181B(2) imsemmi – fil-fehma ta` din il-Qorti huwa car li l-kelma “Gvern” kif uzata fl-Artikolu 181B tinkludi, salv fejn ir-rabta tal-kliem ma tindikax xort’ohra, it-<u>tlett</u> rami tal-Gvern, u cioe` ir-ram legislattiv, dak ezekuttiv kif ukoll dak gudizzjarju – l-eccezzjoni tal-intimati ser tigi michuda ghal raguni wahda u semplici. Mid-dokumenti ezibiti mis-socjeta` rikorrenti seudta stante, u senjatament mid-dokument GB8 – li huwa kopja ta` digriet moghti mill-Magistrat inkwerenti li l-Qorti tifhem li kkonduciet l-inkjesta dwar l-*in genere* – jirrizulta li meta s-socjeta` rikorrenti talbet, permezz ta` rikors presentat fl-atti ta` l-inkjesta, biex tiehu lura d-DVDs in kwistjoni, kemm il-Kummissarju

tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Generali oggezzjonaw ghal din it-talba. Altru, mela, milli dawn iz-zewg intimati m`ghandhomx interess guridiku in konnessjoni ma` l-elevazzjoni tad-DVDs in kwistjoni, u dan indipendentement mill-kwistjoni ta` min ta l-ordni originali biex l-oggetti jigu hekk elevati u l-hwienet tas-socjeta` rikorrenti jinzammu ghal xi zmien maghluqa. L-interess guridiku taghhom fir-rigward tad-DVDs in kwistjoni gie radikat permezz ta` l-imsemmija opposizzjoni ghar-rikors tas-socjeta` Visual & Sound Communications Ltd. (Jigi pprecizat ghal kull buon fini li nghad li l-Magistrat 'ikkonduciet' [fil-passat] l-inkjesta ghax mid-deposizzjoni ta` l-Ispettur Mario Tonna, moghtija fl-udjenza tas-16 ta` Novembru, 2001, jirrizulta li l-inkjesta nghalqet fid-29 ta` Ottubru, 2001 u l-*proces-verbal* relattiv intbaghat mill-Avukat Generali skond il-ligi). Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimati qed tigi respinta.

4. Jibqa` biex tigi kkunsidrata s-sottomissjoni – ghax proprjament din mhix eccezzjoni stante d-dikrezzjoni li ghandha din il-Qorti – li s-socjeta` rikorrenti ghandha (jew kellha) mezzi xierqa ta` rimedju ghal-lanjanzi taghha. F`dan ir-rigward il-qorti tosserva li l-proviso tas-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni huwa identiku, hlief ghal kelma wahda, ghall-proviso tas-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 4 tal-Kap. 319: *'Izda l-qorti tista`, jekk tiqs li jkun desiderabbbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi [**Kap. 319** – ordinarja] ohra.'* Issa irrizulta fil-kors tat-trattazzjoni li s-socjeta` rikorrenti, kontestwalment mar-rikors odjern, ippresentat citazzjoni f`din il-Qorti kontra l-Kummissarju tal-Pulizija jigi kkundannat ihallasha d-danni lilha kkagunati minhabba l-agir 'illegali' u 'abuziv' tieghu in konnessjoni ma` l-elevazzjoni tad-DVDs li huma meritu tar-rikors odjern (ara Dok GB10, anness man-nota presentata seduta stante). Fil-fehma tal-Qorti din ic-citazzjoni turi bic-car, jekk qatt kien hemm bzonn ta` prova, li s-socjeta` rikorrenti ghandha mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat, u dan permezz ta` kawza ghad-danni skond il-principji generali enuncjati fl-Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civli. Il-premessi fil-korp tar-rikors

promotur ta` din il-kawza huma, bazikament u salv certi sfumaturi marginali, allegazzjoni ta` agir illegali, cioe` kontra l-ligi, da parti ta` l-intimati (jew wiehed minnhom) li kkagunaw jew qed jikakgunaw danni materjali lis-socjeta rikorrenti. Huwa veru li r-rimedji li qed jintalbu permezz tar-rikors kostituzzjonali huma xi ftit differenti minn dawk li qed jintalbu fic-citazzjoni msemmija, izda huwa veru wkoll li r-rimedju tal-kumpens huwa hafna drabi r-rimedju ahhari ghal ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Effettivament jekk wiehed jara n-nota tas-socjeta` rikorrenti tat-13 ta`Novembru, 2001 (fol. 9 ta` l-atti) fost ir-rimedji 'kostituzzjonali' li qed titlob hemm dak tal-'kumpens'. Il-Qorti tosserva wkoll li skond l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 319 id-disposizzjonijiettal-Konvenzjoni Ewrope huma parti mil-ligi (ordinarja) ta` Malta u huma ezegwibbli bhala tali. Isegwi, ghalhekk, li minn jikser id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni b`mod li jikkaguna danni lil terzi jista` jigi mgieghel jirrispondi u jhallas ghal dawk id-danni skond il-principji generali aktar `l fuq imsemmija. U anke <u>jekk</u> l-eghmil ta` l-intimat Kummissarju tal-Pulizija (kif allegat fir-rikors promotur) jammonta ghal 'ghemil amministrattiv' kif definit fis-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, hemm dejjem ir-rimedju ta` 'judicial review' bil-possibilita` (ghalkemm kemm xejn ristretta) tal-hlas ta` danni (ara l-Artikolu 469A(5) ta` l-imsemmi Kap. 12).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, peress li hi sodisfatt li s-socejta` rikorrenti ghandha mezzi xierqa ta` rimedju taht il-ligi ordinarja ghall-ksur minnha allegat, u peress ukoll li hi tal-fehma li hu desiderabbli li taghmel hekk sabiex ma jsirux kawzi inutilment, qeghda tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) ta` l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taht is-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 4 tal-Kap. 319; u f`dan is-sens tiddisponi mir-rikors tas-socjeta` rikorrenti. Fic-crikostanzi tal-kaz u stante l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimati li giet respinta, l-ispejjez ghandhom jinqasmu kif ser jinghad, u cioe` nofs jihtallsu mis-socjeta` rikorrenti u r-rimanenti nofs mill-intimati solidament bejniethom."

<u>II. L-Appell</u>

5. Is-socjeta` rikorrenti interponiet appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti fis-27 ta` Novembru, 2001. Ghar-ragunijiet esposti fl-istess rikors, is-socjeta` appellanti talbet li dina l-Qorti joghgboha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilqa` it-talbiet tar-rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet ta` l-intimati.
6. L-intimati, fir-risposta ta` l-appell taghhom, wara li esponew ir-ragunijet taghhom ghaliex l-aggravji promossi fl-appell tar-rikorrenti kienu nfondadi, talbu li din il-Qorti tirrespingi l-istess appell.
7. Din il-Qorti ezaminat akkuratament l-atti kollha tal-process, semghet it-trattazzjoni orali ta` l-abili Difensuri tal-kontendenti u irriflettiet kif sejjer isegwi.

III. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

8. Ghalkemm ir-rikors ta` l-appell qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata kollha kemm hi, naturalment is-socjeta` rikorrenti ma ressqed ebda aggravju fil-konfront tac-cahda li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ta` l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimati. B`din l-eccezzjoni l-intimati kienu qeghdin isostnu li huma ma kienux legittimi kontraditturi ghall-azzjoni tentata mis-socjeta` rikorrenti. Il-Qorti tinnota li l-intimati ma ressqu ebda appell, lanqas wiehed incidentali, fil-konfront ta` l-imsemmija decizjoni tal-Qorti li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni taghhom. Ghalhekk, nonostante li s-socjeta` appellanti ma talbitx li din il-parti tas-sentenza tigi kkonfermata, pero`, certament, m`hemm l-ebda lok li din il-Qorti tipprova tissindaka l-konkluzjoni ta` l-Ewwel Qorti li tichad l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimati.
9. L-ewwel aggravju ta` l-appellanti jillamenta li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienetx korretta meta iddeklinat li tezercita is-setgha taghha taht is-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taht is-subartikolu (2) ta` l-artikolu 4 tal-Kap 319. L-Ewwel Qorti kienet imxiet b`dan il-mod ghaliex dehrilha li s-socjeta` appellanti kellha ghad-dispozizzjoni taghha mezzi xierqa ta` rimedju taht il-ligi ordinarja.
10. Is-socjeta` appellanti qiegheda ssostni li l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta irritjeniet li l-uniku rimedju disponibbli kien ir-rimedju tal-kumpens w il-hlas tad-

danni. Dana l-aggravji gie spjegat hekk, wara li inghata l-isfond fattwali tal-kaz:

“Illi r-rimedji illi qed titlob l-esponenti kienu fost ohrajn ordni tal-Qorti Kostituzzjoni biex l-Awtoritajiet jew imexxu u jtuha l-process jew inkella jirrilaxxjaw, mhux ihalluha f`limbu; illi r-rikorrenti qed titlob ukoll dikjarazzjoni ta` ksur ta` dritt fondamentali fis-sens illi r-reazzjoni ta` l-Awtoritajiet trid dejjem tkun proporzjonata u mhux bil-mod illi agixxiet l-Awtorita`; illi apparti dan kollu, l-esponenti tikkontendi ilil hija giet imfixkla fit-tgawdija tal-proprjeta` taghha minghajr gustifikazzjoni:fil-fatt hija effettivament giet imcahhda mighajr raguni apparenti lilha mill-Awtoritajiet ilil tuza hwejjigha illi hija xtrat legittimament u hallset id-dazju fuqhom; ili l-kwistjoni jekk il-Pulizija jew l-Awtoritajiet agixxewx b`mod diskriminatorju fil-konfront taghha ukoll trid tigi investigata – dan in vista tal-fatt illi filwaqt illi hija meta importata xi DVDs sahansitra ufficjali tal-Pulizija marru jaqbdu d-DVDs fil-containers li fih gew importati dawn filwaqt illi hwienet ftit mijiet ta` metri `il boghod ibeighu regolarment;

Illi li xtaqet tghid is-socjeta` esponenti huwa ili apparti l-kwistjoni ta` ordnijiet u direttivi, dikjarazzjoni ta` ksur ta` drittijiet fondamentali tista` tkun fiha nnifisha rimedju; l-esponenti meta giet mitluba litindika r-rimedji f`paragrafu wiehed biss indikat il-kumpens minhabba t-tlef konsegwenti, dan naturalment ghaliex taf illi intvolat kawza civili ghad-danni; fir-rimedji indikati r-rikorrenti talbet illi l-Qorti tidderigi lill-intimati jew iressqu jew jirrestiwixxu; dikjarazzjoni li ma hemmx process fi zmien ragonevoli; dikjarazzjoni ta` diskriminazzjoni u dikjarazzjoni ta` tehid forzuz ta` pussess u deprivazzjoni mill-possessjonijiet; l-esponenti jidhrilha bir-rispett illi hija fondamentalment erroneaja il-konkluzjoni jew ahjar l-assunzjoni li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti illi allura d-danni kienu rimedju adewgat jew l-uniku rimedju mitlub jew possibbli. L-esponenti danni talbithom f`sede ohra fi proceduri indipendenti minn dawn u l-esponenti talbet ir-rimedji kostituzzjoniali propjru ghaliex l-organi kompetenti jirrifjutaw illi jagixxu u ma fadlilha triq ohra; ir-rimedju hawn mitluba mhumiex biss dawk tad-danni jew kumpens; illi din l-Onorabbli Qorti ghandha kull poter u setgha illi fil-mertu tirrifjutahom wara li tisma` kif ghandha ghaliex it-

talba mhijiex gustifikata izda mhux illi tekwa ir-rimedji mad-danni; apparti dan kollu, il-kwistjoni hija illi l-kumpens li tghti din il-Qorti huwa marbut forsi mhux esklusivament imma sostanzjalment ma` kumpens naxxenti minn lezjoni ta` dritt fondamentali filwaqt illi l-azzjoni ghad-danni hija maghmula quddiem l-ewwel Qorti fuq il-principji generali u antiki tar-responsabbilita` aquiliana, fejn wiehed irid jivestgia l-meritu tar-responsabilita`, tat-telf ta` qligh, goodwill, klijentela ta` stabbiliment antik;
Illi fuq is-suggett, l-esponenti xtaqet ili tikkumenta fil-qosor dwar il-linji tal-Qorti ilil hemm rimedji ordinarji adegwati. Huwa maghruf illum illi l-orjentamenti gurisprudenzjali tal-Qorti Ewropeja ta` Strasbourg qed tinbidel illi fejn fil-passat kienet dogma u artikolu ta` fidi ili r-rimedji ordinarji ghadhom jigu ezawriti, illum din id-dottrin adonnha qed tigi skossa u mhux applikata fir-rigidita` u rigorozita` antika taghha, u l-Qorti tippremetti anke li jigu indirizzati d-drittijiet fondamentali meta r-rimedji hekk imsejha ordinarji ma jiffunzjonawx jew ma jinghatax rimedju;”

11. L-intimati rrispondew hekk:

“Kwantu ghall-aggravju dwar id-decizjonita` l-ewwel onorabbli Qorti rigward id-disponibilita` ta` mezzi ohra xierqa ta` rimedju, l-esponenti jissottomettu illi huwa car ili l-allegazzjoni tas-socjeta` appellanti hi li hija kienet il-vittma ta` illegalita. Dik l-illegalita, skond is-socjeta` rikorrenti tikkonsisti fl-allegat fatt illi l-awtoritajiet pubblici eccedew il-limiti tal-poteri legali taghhom meta elevaw proprjeta tas-socjeta appellanti.

Illi dan it-tip ta` lanjanza hija koperta fil-ligi Maltija bl-azzjoni dwar stharrig gudizjarju ta` atti amministrattivi (Art. 469a tal-Kap 12) u bl-azzjoni ghad-danni minhabba delitt jew kwazi delitt taht il-Kodici Civili.

L-esponenti ma jaqblux mat-tezi avvanzata mis-socjeta` appellanti ilil ssostni illi kull att ili jista` b`xi mod jinkwadra ruhu bhala ksur ta` l-artikoli dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u fil-Kap 319 ghandu jaghti lok ghal ‘rimedju’ jew ‘danni’ indipendentement mir-rimedji disponibbli fis-sistema ta`

dritt ordinarju. L-esponenti jissottomettu illi dan l-argument iwassal biex kwazi kull kawza tibda` issir bhala kawza dwar drittijiet fondamentali.

Huwa manifest illi anke l-ezistenza innifisha ta` l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 juru illi meta s-sistema tad-dritt ordinarju jkun kapaci illi jiprovdi rimedju effettiv ghal lanjanza allura d-dispozizzjonijet li jipprovdu gahl rimedji dwar ksur ta` drittijiet fondamentali ma ghandhomx japplikaw, i*nter alia*, ghax l-applikazzjoni taghhom f`sitwazzjoni fejn diga hemm rimedju disponibbli tkun bla bzonn u kapriccjuza.

Huwa ukoll rilevanti il-fatt illi jekk persuna tkun irceviet kumpens jew rimedju ghal illegalita li tkun issubiet din ma tibqax klassifikabbli bhala 'vittma' ta` ksur ta` drittijier fondamentali u ghalhekk ma jkun hemm ebda bzonn gahll-ezercizzju ta` azzjonijiet bazati fuq tali drittijiet.

F`dan ir-rigward l-esponeneti jaghmlu referenza gahd-decijzoni recenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Hay vs united Kingdom'1 fejn il-familjari ta` persuna ilikienet intqatlet f`azzjoni tal-Pulizija kienu accettaw kumpens ta` ghaxart elef lira sterlina 'minghajr pregudizzju gahll-kumpens dovut lilhom ghall-ksur ta` drittijiet that il-konvenzjoni Ewropeja', u l-Qorti Ewropeja ikkonkludiet illi la darba huma kienu ircevew kumpens sostanzjali huma ma baqghux klassifikabbli bhala 'vittmi' taht il-Konvenzjoni u ma setghux ghalhekk jadixxu l-Qorti Ewropeja ghal-izjed kumpens.

Omissis

Illi huwa ghalhekk car illi l-ksur tad-drittijiet fondamentali jista` ukol jigi rimedjat permezz ta` rimedji provduti taht il-ligi ordinarja u ghalhekk fejn il-ligi ordinarja tkun tipprovdi azzjoni ma jibqa` ebda lok ghall-azzjoni specjali kontemplata fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4 tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja."

12. Ezami tas-sentenza appellata ma jhalli l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li <u>r-rimedju ewlieni</u> disponibbli

ghal-lanjanzi tas-socejta` rikorrenti kien ir-rimedju tal-kumpens jew il-hlas tad-danni li allegatament sofriet is-socjeta rikorrenti meta l-Pulizija elevat minghajr gustifikazzjoni fil-ligi madwar 1500 DVDs li flimkien jiswew madwar Lm20,000. Dik il-Qorti ghamlet referenza ghac-citazzjoni li s-socjeta` rikorrenti kienet diga` ipprezentat, kontestwalment mar-rikors promotur, quddiem dik l-istess Qorti kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, b`talba li huwa jigi kkundannat ihallasha d-danni lilha kkagunati minhabba l-agir "illegali" u "abusiv" fuqha in konnessjoni ma` l-elevazzjoni tad-DVDs in kwsitjoni. Huwa veru li l-Ewwel Qorti ikkoncediet li r-rimedji li qed jintalbu permezz tar-rikors promotur kienu xi ftit differenti minn dawk li qed jintalbu fic-citazzjoni imsemmija. Pero`, dik il-Qorti spjegat li kien veru wkoll li r-rimedju tal-kumpens kien hafna drabi r-rimedju ahhari ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali. L-Ewwel Qorti kompliet tispjega li l-azzjoni ghad-danni skond il-principji generali tal-Kodici Civili, tista` tigi bazata kemm fuq allegazzjoni ta` vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea (billi l-Kap 319 ghamilha parti mil-ligi ordinarja ta` Malta) u hemm ukoll fuq allegazzjoni li ghemil amministrattiv ikun imur kontra l-ligi, kif jiddisponi l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

13. Kien a bazi ta` dan ir-ragunament li l-Ewwel Qorti ddecidiet li kellha tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht l-artikou 46(2) tal-Kostituzzjoni u taht l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 billi kien jidher li s-socjeta` rikorrenti kellha mezzi xierqa ta` rimedju taht il-ligi ordinarja ghall-ksur minnha allegat.

14. Fis-sentenza moghtija minn dil-Qorti, diversament presjeduta u komposta, fis-7 ta` Marzu 1994, fil-kawza fl-ismijiet "Dott Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (Koll. Vol. LXXVIII – I – 48) gew delinejati is-segwenti principji li johorgu mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna u li jirregolaw il-materja li qieghdha tigi nvestigata:

"(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta` natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezwriti jew meta m`humiex disponibbli;

(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultaw ragunijiet serji u gravi ta` illegalita` jew ta` gustizzja jew ta` zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta` diskrezzjonalita` ta` l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
(c) kull kaz ghandu l-fattispecje partikolari tieghu;
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta` kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidra li m`ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni tghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta` haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz;
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab id-diskrezzjoni”

15. Din il-Qorti hija tenuta li, bhala regola, tirrispetta d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti. Biex din il-Qorti tiddisturba l-ezercizzju ta` tali diskrezjzoni jinhtieg li din il-Qorti tkun konvinta li dan ikun necessarju biex tevita ingustizzja manifesta derivanti minn uzu gravament zbaljat ta` l-istess diskrezjzoni konferita lill-Ewwel Qorti bl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

16. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma jidhrilhiex li jissusisti xi elementi gravi bizejjed biex igiegheluha tiddisturba dan l-uzu tad-diskrezzjoni imsemmija li l-Ewwel Qorti ghamlet, f`dana l-istadju tal-proceduri salv ir-riserva li se tissemma` fl-ahhar parti ta` din is-sentenza. Konsegwentement, l-ewwel aggravju tas-socjeta appellanti ma jistax jintlaqa`.

17. Bit-tieni aggravju taghha, is-socjeta` appellanti tillamenta mill-mod li bih gie kondott il-process quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Tillamenta li l-process tmexxa principalment b`mod kamerali, bi procedura inkwizitorjali minflok bil-procedura avversarjali, b`mod li l-inizjattiva u l-kontroll totali ta` l-andament tal-process tnehha minn idejn il-partijiet u gie assunt totalment mill-Qorti. Tillamenta li s-

socjeta` rikorrenti ma thallitx tressaq il-provi taghha lanqas fuq fatti fundamentali biex b`hekk l-Ewwel Qorti ma kenixt f`pozizzjoni li tista` tezercita sewwa id-diskrezzjoni taghha. Fi ftit kliem, tillamenta li l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu vizzjati u li hija ma inghatatx smiegh xieraq.

18. L-intimati irrispondew testwalment hekk ghal dana l-aggravju:

“In kwantu ghall-aggravju dwar kif gie kondott il-process gudizzjarju fil-Qorti ta` l-ewwel istanza l-esponenti, filwaqt illi jichdu illi bil-mod efficjenti kif ittrattat il-kawza dik il-Qorti sar xi ksur tad-dritt gahl smiegh xieraq, jirrilevaw illi l-kawzi ta` stharrig gudizzjarju ta` atti amministrattivi u l-kawzi fejn tkun qeghda tintalab ir-revijoni f`sede specjali ta` xi process gudizzjarju iehor huma strettament kawzi dwar punti legali u mhux dwar fatti. F`dawk il-kawzi ghalhekk il-produzzjoni ta` xhieda u provi godda ghadha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola ghax il-process ikun diga sar u l-ezercizzju quddiem il-Qorti f`sede kostituzzjoniali jew fil-mansjoni taghha taht il-Kap 319 ikun prettament wiehed ta` revizjoni u mhux ta` smiegh ta` provi mill-gdid.

Illi dan japplika wisq izjed ghall-kaz odjern fejn is-socejta attrici stess kienet qeghda tavvanza hi stess pluralita ta` talbiet ghall-istess rimedju f`mansjonijiet gudizzjarji differenti.

Certament il-punt dwar jekk il-ligi tipprovdix rimedju ordinarju effettiv jew le f`tali cirkostanzi huwa materjal strettament legali u l-pretensjoni ta` l-appellant fis-sens illi l-ewwel Qorti kellha tinhela fis-smiegh ta` xhieda dwar punt legali huwa, fil-fehma ta` l-esponent u bir-ripsett kollu lejn il-kontroparti, manifestament skorrett.”

19. Il-Qorti tinnota li l-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti tmexxew bi speditezza ezemplari. Ir-rikors promotur gie prezentat fit-8 ta` Novembru 2001 u l-Qorti kisbet taghrif siewi minghand ir-rikorrenti b`digrieti moghtija “in camera” moghtija bis-sahha ta` l-Artikolu 173(1) tal-Kap 12. Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta` Novembru 2001 u gie differit ghas-sentenza ghal 20 ta` Novembru 2001, f`liema data, effettivament inghatat is-sentenza, li llum hija appellata.

20. Din il-Qorti tapprezza li s-socjeta` rikorrenti setghet giet sorpriza bil-heffa insolita li l-Ewwel Qorti mexxiet il-proceduri. Pero`, din il-Qorti jidhrilha li l-kritika li saret mill-appellanti ghal mod kif imxiet l-Ewwel Qorti, hija basikament kritika ingusta. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti kellha mhux bis id-dritt, izda anke l-obbligu, li tisma` u li tiddisponi mill-kaz, b`heffa u li tikkontrolla l-andament tal-proceduri b`mod konsiistenti, ma l-amministrazzjoni xierqa tal-gustizzja. L-Ewwel Qorti tat id-digrieti kamerali inkwistjoni ai termini ta`l-Artikolu 173(1) tal-Kap 12 biex tikseb taghrif aktar dettaljat u biex jitharsu sewwa r-regoli tal-Prattika u l-Procedura promulgati bl-Avviz Legali 35 ta` l-1993. Inoltre, l-artikolu 560 tal-Kap 12 jesigi li l-Qorti tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija zejda. Il-Qorti tinnota li l-verbal tas-seduta tas-16 ta` Novembru 2001 ma jirregistra l-ebda talba biex issir xi prova partikolari da parti tas-socjeta` rikorrenti. Inoltre, din is-socjeta` kellha d-dritt li titlob lill-Qorti li taghti digriet ad hoc ai termini ta` l-Artikolu 560(2) f`kaz li l-Ewwel Qorti cahdetilha xi talba biex hija ggib xi prova.

21. Dinil-Qorti tahseb li l-Ewwel Qorti, wara li ezaminat ic-citazzjoni ezebita fil-process u n-noti tas-socjeta` rikorrenti li jindikaw ir-rimedji mitluba li l-ismijiet u l-istess tax-xhieda, irradikat il-fehma li r-rimedji mitluba fir-rikors promotur kienu sostanzjalment duplikati fit-talbiet kontenuti fil-process gudizzjarju l-iehor, mibdi kontestwalment bic-citazzjoni imsemmija. Il-kwistjoni li allura qamet f`dak l-istadju ma kenitx kwistjoni li tenhtieg wisq gbir ta` provi izda kienet kwistjoni ferm aktar ta` natura legali.

22. Filwaqt li din il-Qorti ma tistax ticcensura l-mod li l-Ewwel Qorti mexxiet il-proceduri, pero`, mill-banda l-ohra din il-Qorti tissimpatizza xi ftit mas-socjeta` appellanti li qieghdha tinsisti li l-Ewwel Qorti impedietha milli tressaq xhieda biex tipprova li l-agir tal-Pulizija kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali indikati minnha fir-rikors promotur u liema vjolazzjoni kien jirrekjedi l-ghoti ta' rimedji specifici li jmorru oltre id-danni aqwiljani w id-danni previsti taht l-Artiklu 469A tal-Kap 12.

23. Il-Qorti giet infortmata li l-merkanzija elevata mill-Pulizija ilha diversi xhur li giet ritornata lis-socjeta` appellanti u li inoltre il-kawza l-ohra ghad-danni kontra l-

Kummissarju tal-Pulizija qieghdha tiehu l-kors normali taghha.

F`dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti jidhrilha li tista` tirriserva lis-socjeta appellanti il-fakulta` - si et quatenus – li tressaq mill-gdid lanjanzi kostituzzjonali fil-kors ta` dawk il-proceduri pendenti – skond il-gurisprudenza kontenuta fis-senteza ta` din il-Qorti fl-ismijiet “Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et” moghtija fis-16 t`April 1999 (Kollez Vol LXXXIII – I p.51). Dana biex, fid-dawl ta` l-izviluppi li jistghu jitnisslu mill-approfondiment tal-provi migbura, l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili, tkun tista` tirriezamina l-pozizzjoni u tipprocedi kif jidhrilha gust u xieraq, A skans ta` ekwivoci, il-meritu tar-rikors promotur, din il-Qorti qed thallieh kompletament impregudikat kif ghandu jibqa` impregudikat ukoll id-dritt spettanti lill-intimati.

24. Ghal dawn il-motivi:
Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b`dana pero` li jibqa` rizervat lis-socjeta` appellanti l-fakolta li tirregola ruhha kif intqal fil-paragrafu precedenti.
L-ispejjez ta` l-ewwel istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk ta` dina l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` appellanti.

Dep/Reg
gs